MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1028/1986/1

**George Scerri**

**Vs**

**Peter Redman bhala Segretarju u in rapprezentanza ta' Hotels International Limited u b'digriet tal-Qorti ta' l-24 ta' Gunju 1991 l-atti tal-kawza gew trasfuzi minflok Peter Redman f'isem Francis u Anthony Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta` konvenuta;**
**U b'digriet ta' l-20 ta' Frar 1995 l-atti gew legittimati f'isem Joseph Borg u Gaetano Debattista ghan-nom tas-socjeta` konvenuta;**
**U b'nota tat-12 ta' Gunju 1995 Dottor George J. Cutajar assuma l-atti tal-kawza ghan-nom tas-socjeta` Hotels International Limited fil-kwalita` tieghu ta' direttur ta' l-istess socjeta`;**
**U b'digriet tat-22 ta' Gunju 1996 Francis u Anthony ahwa Mifsud intervjenew fil-kawza *in statu et terminis***

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur kien impjegat mas-socjeta` konvenuta, bhala General Manager, u fost il-kondizzjonijiet ta' l-impieg huwa kien intitolat ghal bonus specjali kull sena li kellu jinhadem hekk:-

wiehed fil-mija (1%) fuq '*turnover*' ta' mitt elf lira (Lm100,000);
punt hamsa fil-mija (0.5%) fuq il-hamsin elf lira successivi;
punt tlieta fil-mija (0.3%) fuq il-hamsin elf lira ta' wara;
u punt wiehed fil-mija (0.1%) fuq il-bqija;

Premess illi s-socjeta` konvenuta qed tichad dan id-dritt ta' l-attur u mhix qed turi '*turnover*' ekwivalenti ghal dak li hija verament kellha ghas-snin 1981 sal-1985;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(a) Tillikwida l-ammonti ta' bonus specjali dovuti lill-attur ghas-snin 1981, 1982, 1983, 1984 u 1985 fuq il-bazi ta' wiehed fil-mija (1%) fuq *turnover* ta' mitt elf lira (Lm100,000); punt hamsa fil-mija (0.5%) fuq il-hamsin elf lira successivi; punt tlieta fil-mija (0.3%) fuq il-hamsin elf lira ta' wara; u punt wiehed fil-mija (0.1%) fuq il-bqija; u

(b) Tikkundanna lill-istess socjeta` li thallas l-ammonti hekk likwidati;

B'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-attur ghas-salarji;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta’ l-eccezzjonijiet tal—konvenut *nomine* li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi, in linea preliminari:

a. Huwa ma giex notifikat b’kopja tac-citazzjoni bl-ingliz skond il-ligi peress illi huwa m’huwiex Malti u ma jifhimx bl-ilsien Malti;

b. Illi, huwa m’huwiex segretarju tal-‘Hotels International Limited’ u lanqas ma ghandu l-ebda kariga ohra ma’ l-istess socjeta`, kif lanqas ma ghandu azzjonijiet fiha;

Ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gjudizzju;

2. Illi, fil-meritu, u minghajr ebda pregjudizzju ghas-suespost, huwa veru illi kien hemm ftehim specjali dwar il-pagament tal-bonus lill-attur mill-imsemmija socjeta`, pero` dana mhux kif indikat minnu fic-citazzjoni izda, bir-rata ta’ wiehed u nofs fil-mija (l½%) fuq ‘*turnover*’ li jeccedi il-mitt elf lira (Lm100,000) u ta’ tnejn fil-mija (2%) fuq ‘*turnover*’ li jeccedi l-mija u hamsin elf lira (Lm150,000);

Illi, dan il-ftehim jirrizulta mill-kotba tas-socjeta` kif jirrizulta wkoll illi l-attur ghad baqalu jiehu bilanc ta’ elfejn tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm2385) in forza ta’ l-istess ftehim;

3. Illi l-attur qatt ma talab il-pagament ta’ l-ammont imsemmi u qatt ma gie rifjutat lilu l-pagament ta’ l-istess ammont;

4. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-3 ta’ Dicembru 1986 li permezz tieghu gie nominat Dr. Emanuel Bonnici bhala Imhallef Supplenti biex b’urgenza jiehu x-xhieda ta’ Peter Redman;

Rat id-digriet tat-18 ta’ Frar 1987 li permezz tieghu gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Guido Saliba biex jigbor il-provi; kif ukoll dak tas-6 ta’ Gunju 1988 li permezz tieghu ssostitwiet ghalih, bl-istess inkarigu u fakoltajiet lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Tony DeGaetano;

Rat id-digriet tal-25 ta’ Novembru 1991 li permezz tieghu gie nominat Dr. Tonio Mallia bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi perit legali li tinsab a fol. 48 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tas-7 ta’ Dicembru 1998;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Il-kwestjoni involuta f’din il-kawza bejn l-attur u l-konvenut *nomine* hi dwar il-ftehim rigwardanti bonus specjali annwali u jekk dan jikkorispondix ghall-percentwali jew rati dedotti u pretizi mill-attur jew invece ghal dawk ir-rati dikjarati minn Peter Redman ghan-nom tas-socjeta` konvenuta;

Peress li din hi kwestjoni purament ta’ apprezzament ta’ provi, gjaladarba wkoll ma jezisti l-ebda ftehim *in iscritto*, huwa essenzjali li l-provi jigu miflija u meqjusa bl-akbar reqqa biex tinghata lilhom dak il-piz li verament jimmeritahom.  Huwa ghalhekk essenzjali li jigi allokat sewwa l-*onus probandi*;

Jibda biex jinghad illi fil-fehma tal-Qorti l-piz tal-prova dwar ir-rati abbinati mal-ftehim tal-bonus specjali, gjaladarba dwar l-ezistenza tieghu ma jezistu l-ebda kuntratt, jispetta lill-attur. Wara li qieset sew il-provi kollha din il-Qorti jidhrilha li in kwantu ghal percentwali miftehma kif pretizi mill-attur dan il-piz ma giex sodisfacentement dizimpenjat minnu. Dan in bazi ghal dawn ir-riflessjonijiet:-

I. Mill-estratt tal-Minuti tal-kumpanija ta' l-24 ta' Novembru 1980 [Dok. FM(5) a fol. 144] jirrizulta bl-aktar mod car is-segwenti: "*The bonus paid to the General Manager shall be 1.25% for the first Lm50,000 over Lm100,000 turnover and 2% on turnover exceeding Lm150,000.*" Cionostante, fid-deposizzjoni tieghu (fol. 13) l-konvenut Peter Redman, accetta bid-dikjarazzjoni tieghu illi "*although the accountants say that the first rate of bonus is to be calculated at 1¼% on an excess turnover over Lm100,000, I maintain that the proper rate is of 1½% ...*";

II. Minn dak rikapitulat mill-ezami tax-xhieda ta' l-attur jista' ragjonevolment jigi dedott illi l-enfasi u insistenza tieghu ma kienetx taggira fuq il-kwestjoni tad-diversita` tal-percentwali miftehma daqskemm fuq il-korrettezza u l-veracita` ta' l-introjti u nkassi li ghamlet il-kumpanija fis-snin bejn l-1981 u l-1985;

Hawnhekk tinsorgi l-essenza bazilari tal-kontestazzjoni bejn il-kontendenti, jigifieri d-determinazzjoni tat-*turnover* tas-socjeta` fil-perjodu in diskussjoni. Tibqa' ghalhekk il-prova, li forsi hi l-aktar wahda li dwarha l-attur intensifika l-isforzi tieghu, dwar il-veru dhul tas-socjeta` konvenuta mill-gestjoni tal-lukanda;

Il-perit legali, fl-izvolgiment tar-ragunar tieghu fuq din il-kwestjoni, itendi lejn il-veduta illi gjaladarba l-accounts tal-kumpanija ma gewx prodotti biex dawn setghu jigu skrutinati minn espert komputista, allura, *quod erat demonstrandum* fuq il-bazi tad-dokumenti u l-provi akkwiziti, l-attur hu intitolat biss ghas-somma li tirrizulta mill-kotba tal-kumpanija. Bir-rispett kollu lejn l-abilita` tal-

perit relatur din il-Qorti ma taqbilx u ma tistax leggerment taccetta din l-opinjoni u konkluzjoni dwarha;

Fl-ewwel lok il-Qorti hi tal-fehma illi l-accounts tal-kumpanija kellhom jigu esebiti mill-konvenut *nomine* billi kien jinkombi lilu li jissostanzja dak dikjarat minn Peter Redman fejn stqarr illi l-provenjenti kollha mill-attivita` gestjonali tal-kumpanija kienu entrati fl-accounts u gjaladarba wkoll stqarr li ma kienx jaqbel ma' l-asserzjoni ta' l-attur illi t-"*turnover did not reflect the true takings of the Company*" (fol. 15);

*Qua* chairman jew segretarju, ossija persuna responsabbli mis-socjeta`, l-imsemmi Peter Redman kellu certament il-kontroll effettiv tal-kumpanija, ta' l-assi, u tad-dhul mill-attivitajiet taghha. Huwa veru li kemm l-attur kif ukoll martu kienu ghal xi zmien jiehdu hsieb id-dhul u johorgu ricevuti izda hekk kien jaghmel haddiehor, bhal certu Joe responsabbli mill-*beach concession* u Carmen Fenech, ic-*chambermaid*, u wkoll *barmaid* u *waiters*, kompriz Peter Redman innifsu. Fl-ahhar mill-ahhar kien hu l-persuna ultimament f'kariga ta' responsabilita` u biex iforni lill-accountants tal-kumpanija bit-taghrif dwar id-dhul u l-hrug tal-finanzi tas-socjeta`;

Il-Qorti hi ta' l-opinjoni, wara li fliet u gharblet sew il-provi illi l-konvenut *nomine*, li fuqu kien jinkombi l-oneru, ma ghamelx prova li tista' titqies valida u sufficjenti fir-rigward ta' l-accounts tal-kumpanija. U ghalhekk tibqa' l-prova ta' l-attur, korroborata minn martu Edith Scerri (fol. 59) u sa certu punt mix-xhud l-ohra Carmen Fenech (fol. 80), li tenut rigward tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz ma tistax titqies inverosimili. Bizzejjed jinghad, u dan b'illustrazzjoni ta' ezempju wiehed biss, illi l-istess Peter Redman ma kellux risposta jew spjega kif certi hlasijiet – *ad exemplum* dawk ta' certa Miss Knight u ta' certu Arnold – saru l-Ingilterra, meta hu kien tant kategoriku fl-affermazzjoni illi l-kontijiet ta' klijenti bbukkjati fl-Ingilterra "*were paid in Malta*" (fol. 16);

Issa jirrizulta wkoll illi ghalkemm l-accounts ma gewx presentati l-attur ma qaghadx jikkontempla s-sitwazzjoni

'*sub specie aetermitatis*'. Biex isahhah l-allegazzjoni tieghu dwar certi ntrojti tas-socjeta`, u ghall-ahjar istruzzjoni tal-kawza u tat-talba tieghu, huwa impenja ruhu, u fil-fatt esebixxa rezokont (fol. 115 sa fol. 117) ta' dak li hu deherlu li kien it-*turnover* u allura l-kalkolu tal-bonus spettanti lilu;

Tali rezokont hu konsimili ghal dak li fid-duttrina taljana jissejjah "*caricamento estimatorio*". Ara fir-rigward decizjoni a **Vol. XLII P I p 723**. Ghall-perit relatur tali stima kellha tigi skartata in kwantu fil-fehma tieghu din hi biss "kalkolu fuq kemm jahseb li kien hemm u bl-ebda mod ma hi xi kalkolu xjentifiku";

Ghall-mument, u indipendentement mill-attendibilita` ta' l-istima prezentata mill-attur, wiehed irid jezamina jekk tali prova kienetx konsentita. Jekk wiehed jislet analogija mid-disposizzjonijiet relattivi ghar-rendikont u l-likwidazzjoni ta' frottijiet mahsuba fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili f'Sub-Titolu VII ta' Titolu VII insibu fl-Artikolu 394 (1) tieghu illi "meta min ghandu jaghti l-kont ma jipprezentahx fiz-zmien stabbilit, il-qorti tista' tippermetti lill-parti li tkun talbet il-kont li tispecifika, imqar b'gurament, is-somma li ghandha tinghata.";

Fil-kaz taht konsiderazzjoni s-socjeta` konvenuta mhux biss ma pprezentatx l-accounts talli addirittura naqset ukoll milli tikkritika r-rendikont estimatorju ntavolat mill-attur. Din il-prova kienet tinkombi fuqha, u allura, jekk is-socjeta` konvenuta ma wassletx ghal din il-prova, u jekk ma gabetx prova ohra in kuntrarja, ghajr l-osservazzjoni li mill-kotba jirrizulta li l-attur ghandu jiehu biss is-somma ta' elfejn tliet mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm2385), jibqa' l-karikament estimatorju ta' l-attur;

Dan naturalment ma jfisserx illi l-Qorti ghandha taccetta b'ghajnejha maghluqa din l-istima ta' l-attur. Dan anke ghaliex ma ghandhiex il-kwalifiki necessarji biex taghmel apprezzament xieraq u approfondit tal-kontenut ta' tali stima jew ta' l-ezercizzju matematiku li fuqu l-istess stima giet bazata. Konsegwentement ma tarax li ghandha

timponi fuq is-socjeta` konvenuta l-adozzjoni ta’ tali stima, meta l-Qorti stess ma hijiex konkludentement sodisfatta dwar l-ezattezza u l-konkluzjoni fiha raggunta;

Lanqas del resto ma tista’ taccetta s-sottomissjoni avallata mill-attur illi l-versjoni tieghu ghandha tigi accettata semplicement ghax, kif isostni hu, kellu konoxxenza personali ta’ x’kien qed jigri. Tali affermazzjoni, ghalkemm tokkontjeni veritajiet, mhix bilfors konklussiva li timmerita li tigi adoperata minghajr ebda raffronti ma’ provi ohra;

Kif inhu ormai konswet fejn il-mezzi probatorji ma jwasslux bi precizjoni ghad-determinazzjoni ta’ l-ammont reklamat jew pretiz, il-Qorti ser taddotta invece ir-regola ta’ l-*arbitrio boni viri* fejn l-ammont jigi stabbilit *ex aequo et bono* mill-gudikant;

Il-Qorti qed taghmel dan billi talloka lill-attur in-nofs tas-somma minnu pretiza (Lm7297), jigifieri, tliet elef sitt mija tmienja u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm3648.50,0);

Kwantu ghas-somma ta’ tliet elef u mitejn lira Maltin (Lm3200) li x-xhud Connie mart Francis Mifsud, tghid li thallset lill-attur wara li zewgha u huh akkwistaw l-ishma tal-kumpanija, il-Qorti takkorda mal-veduta espressa mill-perit legali illi din is-somma thallset lill-attur ghax-xoghlijiet konnessi mal-lukanda. Dan wara debita konsiderazzjoni tal-prova mressqa mill-attur bl-esebizzjoni tal-pjanta fejn saru x-xoghlijiet u bl-akkoljiment ta’ l-ispjegazzjoni minnu fornita. Prova din, li bhall-perit legali qabilha, il-Qorti thoss li hi wahda verosimili;

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, filwaqt li jigi ribadit li gie provat kontra l-attur il-ftehim pretiz minnu dwar percentwali allokati ghal bonus specjali akkordat, fl-istess waqt din il-Qorti ma taccettax is-somma proposta mis-socjeta` konvenuta biex jigi saldat il-hlas u, invece, bl-operat ta’ l-arbitriju hi tal-fehma li b’sens ta’ gustizzja u ekwita din is-somma ghandha tkun ffissata skond kif fuq muri u spjegat. Raggunta din il-konkluzjoni

din il-Qorti tiddeklina milli taccetta s-sottomissjoni ta’ l-attur fin-Nota ta’ sottomissjonijiet tieghu (fol. 238) dwar id-dekorriment ta’ l-interessi fuq is-somma, issa likwidata. Dan ghar-raguni illi apparti l-fatt li ma jidherx li qatt saret interpellazzjoni gudizzjarja ghal hlas qabel ic-citazzjoni prezenti, tali interessi ma jghaddux hlief mid-data tal-likwidazzjoni. Dan fuq l-istregwa tal-principju minn zmien antik definit u segwit mill-Qorti illi ‘*in illiquidis non fit mora*’;

Fl-ahharnett il-Qorti tiddispensa mill-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tas-socjeta` konvenuta b’dan il-mod;

Kwantu ghall-ewwel eccezzjoni illi l-konvenut *nomine*, cittadin Ingliz, ma giex notifikat b’kopja tac-citazzjoni bl-Ingliz, din giet sorvolata bil-prezentata innifisha tan-Nota ta’ l-eccezzjonijiet;

Dwar it-tieni eccezzjoni illi l-konvenut imharrek ma ghandux ir-rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta din l-eccezzjoni kienet f’postha u guridikament korretta meta nghatat billi ma kienx konsentit li korp b’personalita` guridika distinta tigi azzjonata jekk mhux tramite l-persuna jew persuni li skond l-istatut taghha kienu vestiti bir-rapprezentanza gjuridika taghha;

Bl-emendi ta’ l-Att XXIV ta’ l-1995 din il-qaghda nbiddlet skond kif issa mahsub bl-Artikolu 181A(1) tal-Kapitolu 12. Allura ghal kaz japplikaw is-subincizi (1) u (2) ta’ l-Artikolu 362 ta’ dak l-Att li jipprovdi disposizzjonijiet transitorji. Tant li s-subinciz (1) proprju jipprovdi illi d-disposizzjonijiet tal-ligi principali kif b’dak l-att emendati ghandhom jghoddu ghall-proceduri kollha li jkunu pendenti quddiem xi qorti u li f’dik il-data jkunu ghadhom pendenti u ma ghaddewx in gudikat. Mill-banda l-ohra s-subinciz (2) ta’ dak l-istess artikolu jsalva l-validita` ta’ l-atti li jkunu saru qabel dawk l-emendi anke jekk dawn ikunu jmorru, jew ma jkunux konformi mal-Kodici, kif issa emendat. Japplika allura l-principju tal-*jus superveniens* anke ghal kaz in ezami;

Ghall-esposizzjoni aktar ampja fuq din il-materja ara decizjonijiet fl-ismijiet "**Prof. Ian Refalo *nomine* –vs- Mauro Bonello *nomine***", Appell, 16 ta' Gunju 1997 u "**Angela Fenech –vs- Joseph Felice *nomine***", Appell, 28 ta' Frar 1997;

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel talba attrici u ghalhekk tillikwida l-bonus specjali dovut lill-attur fl-ammont ta' tliet elef sitt mija tmienja u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm3648.50,0);

Konsegwentement tilqa' t-tieni domanda billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma hekk likwidata, bl-interessi mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez tal-kawza ghandha tbatihom l-istess socjeta` konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------